# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tal-Erbgħa, 5 ta' Ġunju 2019

## Talba Numru 399/2018SFJ

## *GO p.l.c. (C22334)*
## *vs.*
## *Kimberly Cassar (94097M)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenuta debitriċi tagħha fl-ammont ta' elf, mitejn u tmintax-il Ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,218.94ċ) in konnessjoni mas-servizzi miġbura fil-kont numru 40527394, bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk konnessi mal-ittra ufficjali numru 2078/2016 u bl-imgħaxijiet legali.

Ra li in sostenn tat-talba, is-soċjetà attriċi ippreżentat is-segwenti dokumenti:

| | |
|---|---|
| Dokument A | *Statement* datat 2 ta' Ġunju 2016 relattivament għall-kont numru 40527394; |
| Dokument B | *GO Service/Bundle Agreement Order Form* datata 11 ta' Marzu 2015 relattivament għall-kont numru 40527394; |
| Dokument Ċ | Kopja tal-ittra uffiċjali (166A) numru 2078/2016 (Qorti tal-Maġistrati [Malta]) ippreżentata fil-27 ta' Ottubru 2016 u debitament maħlufa minn Charmaine Wiffen (403193M) li permezz tagħha s-soċjetà attriċi interpellat lill-konvenuta sabiex tħallasha elf, mitejn u tmintax-il Ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,218.94ċ) relattivament għas-servizzi miġbura fil-kont numru 40527394, liema ittra uffiċjali ma ġietx innotifikata lill-konvenut, u dan skont riferta datata 24 ta' Novembru 2016; u |

Dokument D Estratt mir-Reġistru Elettorali li jikkonferma l-indirizz tal-konvenuta bħala "162, The Heaven, Flat 2, Triq Sir Luigi Preziosi, San Pawl il-Baħar".

Ra n-nota tas-soċjetà attriċi ippreżentata fl-14 ta' Novembru 2018 li permezz tagħha l-istess soċjetà attriċi ippreżentat estratt mir-Reġistru Elettorali li kien jindika li l-indirizz tal-konvenuta nbidel għal "80, Flat 2, Triq Santa Luċija, Valletta".

Ra r-riferti datati 18 ta' Diċembru 2018 li jindikaw li f'dik l-istess ġurnata saret il-proċedura tan-notifika permezz tal-affissjoni.

Ra li l-proċedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fl-edizzjoni ta' dik il-gazzetta datata 8 ta' Jannar 2019 (a fol. 18 tal-proċess).

Ra n-nota tas-soċjetà attriċi ippreżentata fis-27 ta Marzu 2019 li permezz tagħha s-soċjetà attriċi ippreżentat kopja tal-paġna numru ħdax (11) tal-gazzetta *The Times of Malta* tal-25 ta' Marzu 2019, f'liema paġna hemm ippubblikat l-avviż relattiv sabiex tkun saret in-notifika permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali.

Ra li sar tentattiv għan-notifika fis-16 ta' April 2019, liema tentattiv kellu riżultat pożittiv stante li skont l-istess riferta, in-notifika saret lil ċertu Robert Cassar fl-indirizz tal-konvenuta fil-Belt Valletta.

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April 2019, ġie ivverbalizzat li għalkemm in-notifika saret, it-terminu għall-preżentata tar-Risposta kien għadu għaddej.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019, il-konvenuta, issa debitament innotifikata, ġiet imsejħa tlett darbiet iżda ma dehritx.

Ra li xehdet Maryanne Camilleri, prodotta mis-soċjetà attriċi in eżami, li xehdet li l-konvenuta kienet debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2019 il-konvenuta reġgħet ma dehritx u lanqas ippreżentat Risposta jew sottomissjoni oħra kwalsiasi.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Illi *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Jidhirlu it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata oltre l-kontumaċja tal-konvenut.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf, mitejn u tmintax-il Ewro, erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,218.94ċ) bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 2098/2016 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika pożittiva tal-ewwel interpellazzjoni.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**